MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 618/2011

**Vernon's Food Manufacturing and Trading Limited (C – 335)**

**vs**

**Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti kumpaniji (i) Siam International Food Company, socjeta` Tajlandiza bl-indirizz 88, Moo 10, T. Natub, A. Jana Songkhla 90130, it-Tajlandja, u (ii) Siam International Food Trading Co. Limited, socjeta` Tajlandiza bl-indirizz 582/3-4, Sukhumvit 63, Ekkamai, Klongton Nua, Wattana Bangkok 10110 u skont digriet datat il-15 ta' Novembru, 2011, gew nominati l-Avukat Dr. Martin Fenech u l-P.L. Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati ghall-finijiet kollha tal-Ligi**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti datat is-27 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1. Illi f'Novembru, 2010, is-socjeta` rikorrenti ordnat tlett (3) *containers* laned tat-tonn taz-zejt fis-*sunflower oil* tad-ditta *Regale* mis-socjeta` ntimata Siam International Food Trading Company Limited ghall-valur ta' mija u hamest elef, disa' mija u tlieta u sebghin Ewro, (€105,973.00);

2. Illi skont il-fatturi relattivi din il-konsenja kellha tasal Malta fi Frar, 2011, izda s-socjetajiet intimati ma onorawx dan l-obbligu tal-konsenja nonostante diversi nterpellazzjonijiet, u konsegwentement is-socjeta` rikorrenti kienet kostretta tissostitwi tali konsenja billi tixtri l-istess minghand terzi;

3. Illi konsegwenza tas-suespost il-valur tat-tonn taz-zejt oghla bil-konsegwenza li s-socjeta` rikorrenti sofriet aktar spejjez;

4. Illi fid-9 ta' Gunju, 2011, wasal Malta *container* wiehed mill-konsenja originali fuq riferita li pero`, ma kienx tal-kwalita` pattwita;

5. Illi konsegwenza tal-istess, is-socjeta` rikorrenti sofriet danni konsistenti fost l-ohrajn:

i. F'telf ta' bejgh tal-oggett in dizamina;

ii. Awment fil-prezz;

iii. Hlas ta' *shelf space* lill-varji *supermarkets* li effettivament ma giex utilizzat;

Illi konsegwenza tas-suespost is-socjeta` rikorrenti titlob is-segwenti:

1. Illi s-socjetajiet intimati, jew min minnhom, ma qdewx l-obbligi taghhom fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;

2. Illi s-socjeta` rikorrenti tigi mqieghda fil-pussess tal-oggetti ordnati li ma gewx konsenjati lilha mis-socjetajiet intimati jew min minnhom, u dan, fi zmien qasir u perentorju prefiss mill-qorti;

3. Illi konsegwenza tal-istess, is-socjeta` rikorrenti sofriet danni;

4. Illi tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti;

5. Illi tikkundanna lis-socjetajiet intimati solidament jew min minnhom, biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti d-danni kollha hekk likwidati;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati datata t-12 ta' Dicembru, 2011, li permezz taghha infurmaw lill-qorti li:

1. Mhux edotti mill-fatti;

2. Jirrizervaw id-dritt taghhom ghal risposta ulterjuri;

Rat il-verbal tal-kuratur deputat datat it-12 t'April, 2012, li permezz tieghu informa lill-qorti li ghalkemm il-kuraturi de quo ghamlu hilithom biex jikkomunikaw mas-socjetajiet intimati baqghu minghajr risposta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-pozizzjoni tas-socjeta' rikorrenti tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. Illi bejn il-kontendenti kien hemm relazzjoni imprenditorjali bejniethom peress li kienu nnegozzjaw diversi drabi flimkien;

2. Illi s-socjeta` rikorrenti xtrat tlett (3) *containers* tonn taz-zejt kif indikat aktar qabel mis-socjetajiet intimati u bil-kundizzjonijiet indikati fid-dokumenti esebiti;

3. Illi konsegwenza tal-istess is-socjeta` rikorrenti ffinalizzat ukoll it-tikketti relattivi ghas-suq lokali;

4. Illi ghalkemm is-socjetajiet intimati baghtu l-kampjuni miftiehma – ghalkemm tardivament - naqsu jibghatu l-konsenji pattwiti;

5. Illi nonostante korrispondenza elettronika kospikwa bejn il-partijiet is-socjetajiet intimati naqqsu severement fir-rigward tal-obbligi minnhom assunti fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;

6. Illi din is-saga tassew straordinarja fis-suq in dizamina baqghet sejra sa Gunju 2011 u dan, minghajr ma jkun hemm rizoluzzjoni kif originarjament pattwit bejn il-partijiet;

7. Illi konsegwenza tal-istess, is-socjeta` rikorrenti sintetikament sofriet is-segwenti danni:

| | € |
|---|---|
| i. Zieda fil-prezz minn dak mixtri f' Novembru, 2010, u l-prezzijiet f' Mejju, 2011 | 44,510 |
| ii. Telf ta' qliegh | 60,344 |
| iii. Hlas ta' shelf space inutilizzat | 2,500 |
| Total | 107,354 |

Ikkunsidrat:

Illi din il-qorti m'ghandhiex ragunijiet ghaliex ma tistriehx fuq l-analizi fattwali u finanzjarju espost mis-socjeta` rikorrenti u fuq sintetikament elenkat;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost din il-qorti:

1. Tiddikjara li s-socjetajiet intimati fuq indikati naqsu milli jaqdu l-obbligi taghhom fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti fuq indikata;

2. Tiddikjara li rizultat ta' dan l-agir tas-socjetajiet intimati, is-socjeta` rikorrenti sofriet id-danni ngenti fuq elenkati;

3. Tiddikjara li d-danni komplessivi sofferti mis-socjeta` rikorrenti huma fl-ammont ta' mija u sebat elef, tlett mija u erbgha u hamsin Ewro, (€107, 354.00), kif elenkat fil-paragrafu numru 7 aktar qabel;

4. Tikkundanna lis-socjetajiet intimati fuq indikati biex ihallsu d-danni likwidati fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti Vernon's Food Manufacturing and Trading Limited;

5. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur sad-data tal-effettiv pagament;

6. Illi finalment tirrileva li in vista tal-premess qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba enumerata 7.2 fir-rikors promotur stante li jirrizulta pacifiku li n-negozjati riskontrati jaghmlu din it-talba mpossibbli li tigi attwata u li f'kull kaz, l-ekwivalenti hu nkluz fil-likwidazzjoni tad-danni hawn stabbilita.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------